# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 22 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru 12**

**Avviz numru 1014/00/SM**

**Melita Insurance Agency Limited u b'digriet datat 6 ta' Novembru, 2000 "Middle Sea Insurance Agency Limited" issotitwiet il-kliem "Melita Insurance Agency Limited.**

**vs**

**Omar Caruana**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat 8 t'Awissu tas-sena 2000 li bih is-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut biex jghid ghaliex m'ghandux:**

1. **Jinsab unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici bhala risultat tal-incident awtomobilistiku li sehh nhar il-10 ta' Dicembru, 1999 fi Triq Dun Gorg Preca, Hamrun, ghall-habta tad-9.15 ta' filghodu, bejn il-vettura numru GAN 555 misjuqa mill-assikurat taghha Grazio Grech, u l-vettura**

numru CAK 349 misjuqa minn Siddiraj Ramprajads, u liema vettura ma kienitx koperta b’polza ta’ assikurazzjoni skond il-ligi;

2. Jigu likwidati d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ hames mija u lira Maltija u erbgha u hamsin centezmi (LM501.54) jew somma ohra verjuri, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

3. Jigi kkundannat jhallas lis-socjeta’ attrici dik is-somma lil tigi hekk likwidata, flimkien ma’ l-imghaxijiet legali mid-data ta’meta gew sofferti dawn l-ispejjez;

4. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 26 t'April, 2000 kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-15 ta’ Marzu tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

John Farrugia
Deputat Registratur